# X'għandu jsir f'Emerġenza

## Jekk tifel jew tifla jinħarġu mill-ilma:

**1** Ċempel għall-għajnuna minnufih (112)

112

**2** Iċċekkja jekk it-tifel jew it-tifla humiex qed jieħdu nifs

**3** F'każ li t-tifel jew it-tifla ma jkunux qed jieħdu nifs, għandu jinbeda s-CPR minnufih

**4** Kompli agħtih sakemm jaslu s-servizzi ta' emerġenza

F'każ li t-tifel jew it-tifla jkunu qed jieħdu nifs wara li jinħarġu mill-ilma, jew jiġu f'tagħhom wara li jingħataw is-CPR, xorta jkun hemm bżonn li ssir evalwazzjoni medika.

Jekk it-tifel jew it-tifla jiżviluppaw għeja, sogħla, uġigħ fis-sider jew diffikultà biex jieħdu nifs, anki wara li jkunu għaddew sigħat minn mindu ġew f'diffikultà fl-ilma, fittex b'mod urġenti għajnuna medika.

## DEJJEM TAĦT GĦAJNEJK
### U FEJN TILĦAQHOM

Għal aktar informazzjoni, tista' ċċemplilna fuq 2326 6000 jew issegwina fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tagħna

hpdp.gov.mt | Health Promotion and Disease Prevention Directorate | HPDPmalta | @HPDPmalta

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT
PRIM MINISTRU U MINISTERU
GĦAS-SAĦĦA

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

(P) 2026



# Is-Sikurezza tat-Tfal fl-Ilma

Dak li kull ġenitur u persuna li tieħu ħsieb lit-tfal għandhom jkunu jafu rigward is-sikurezza fl-ilma

# Għaliex it-tfal huma f'riskju

**It-tfal, b'mod speċjali, huma iktar vulnerabbli għaliex:**

- Huma kurjużi u miġbuda lejn l-ilma
- Mhux dejjem jifhmu l-periklu involut
- Jistgħu faċilment jiżolqu jew jaqgħu fl-ilma

**Il-periklu mhux biss preżenti fil-baħar, imma anki:**

- F'pixxini privati
- F'banjijiet mimlijin
- Fi friskaturi mimlijin bl-ilma

**Anki dawk it-tfal li jafu jgħumu jistgħu jsibu ruħhom f'diffikultà.**

# Kif tinduna b'għarqa

**Ħafna drabi, tfal li jkunu qegħdin jegħrqu, ma jagħmlux ħoss. Dawn għandhom mnejn:**

- Iżommu rashom taħt l-ilma b'ħalqhom fil-livell tal-ilma
- Imejlu rashom lura biex jippruvaw jieħdu nifs
- Jidhru daqslikieku qed jippruvaw jitilgħu ma' sellum inviżibbli fl-ilma
- Ma jkunux jistgħu jgħajtu jew jagħmlu sinjal għall-għajnuna b'idejhom
- Ma jagħmlux ħoss jew ma jkunux qed jiċċaqalqu
- Iħarsu fil-vojt



**Jekk f'daqqa waħda tifel jew tifla ma jkunx hemm ħosshom, agħti kas minnufih.**

# Kif tevita għarqa

**Dawn il-passi sempliċi jistgħu jsalvaw il-ħajjiet:**

- Dejjem żomm għajnejk fuq it-tfal meta jkunu ħdejn l-ilma
- Ibqa' viċin it-tfal b'tali mod li tkun tista' tilħaqhom b'idejk
- Evita distrazzjonijiet bħall-mobile
- Qatt tħalli lit-tfal waħedhom ħdejn l-ilma

**Agħmel il-pixxini u l-postijiet fejn hemm l-ilma aktar sikuri billi:**

- Tpoġġi barrieri jew gradi li jingħalqu waħedhom
- Tneħħi l-ġugarelli mill-pixxina wara li jkunu ntużaw

**Għallem lit-tfal dwar is-sikurezza fl-ilma:**

- Ibgħat lit-tfal biex jieħdu lezzjonijiet tal-għawm
- Għallem lit-tfal li qatt m'għandhom jidħlu fl-ilma waħedhom